*EDIZZJONI STRAORDINARJA*
*EXTRAORDINARY EDITION*

REPUBBLIKA TA' MALTA

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

13,216] Il-Ġimgħa, 30 ta' April, 1976 / *Friday, 30th April, 1976* Prezz 8m / *Price 8m*

## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

[Nru. 250]

### ORDINANZA ELETTORALI DWAR IL-JEDD TAL-VOT, IL-METODU TA' L-ELEZZJONI U R-REĠISTRAZZJONI TA' L-ELETTURI (KAP. 157)

**Reġistru Elettorali Rivedut**

SKOND id-disposizzjonijiet tas-Sub-Artikolu (3) ta' l-artikolu 33 ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, dan ir-reġistru elettorali rivedut huwa b'din ippubblikat f'din il-Gazzetta tal-Gvern.

It-30 ta' April, 1976.

## GOVERNMENT NOTICE

[No. 250]

### ELECTORAL (FRANCHISE, METHOD OF ELECTION AND REGISTRATION OF VOTERS) ORDINANCE (CAP. 157)

**Revised Electoral Register**

IN accordance with the provisions of Subsection (3) of section 33 of the Electoral (Franchise, Method of Election and Registration of Voters) Ordinance, the following revised electoral register is hereby published in this Gazette.

30th April, 1976.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

A.L. 61 ta' l-1976

## ATT TA' L-1962 DWAR IS-SALARJI TA' L-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (ATT NRU. II TA' L-1962)

### Ordni ta' l-1976 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att ta' l-1962 dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att', il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1976 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati, u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' April, 1976.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u tal-Maġistrati.

2. Għandu jitħallas f'kull sena lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni minflok is-salarji preskritti fl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati kontra kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

Artikolu 2.

| Kariga | Salarju fis-Sena |
|---|---|
| Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell ... | £4,623 |
| Imħallfin oħra ... ... ... ... ... ... | £3,763 |
| Maġistrati tal-Qrati Inferjuri ... ... ... ... | £3,019 |

L.N. 61 of 1976

# THE JUDGES AND MAGISTRATES (SALARIES) ACT, 1962

## (ACT NO. II OF 1962)

## The Judges and Magistrates (Revision of Salaries) Order, 1976

IN exercise of the powers conferred by sections 2 and 3 of the Judges and Magistrates (Salaries) Act, 1962, hereinafter referred to as "the Act," the Prime Minister has made the following order:

Citation and commencement.

1. This order may be cited as the Judges and Magistrates (Revision of Salaries) Order, 1976, and shall be deemed to have come into force as shown on the 1st April, 1976.

Revision of salaries of Chief Justice, other Judges and Magistrates.

2. There shall be paid in any year to the holders of the offices specified in the first column of the Schedule hereto, instead of the salaries prescribed in sections 2 and 3 of the Act, the annual salaries respectively specified opposite to each such office in the second column of that Schedule.

SCHEDULE

Article 2.

| Office | Annual Salary |
|---|---|
| Chief Justice and President of the Court of Appeal ... | £4,623 |
| Other Judges ... ... ... ... ... ... | £3,763 |
| Magistrates of the Inferior Courts ... ... ... | £3,019 |

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*

Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

Prezz 8m — *Price 8m*

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,215, 30 ta' April, 1976*

*Taqsima B*

A.L. 62 ta' l-1976

## ATT TA' L-1965 DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA

## (ATT NRU. XII TA' L-1965)

### Ordni ta' l-1976 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att ta' l-1965 dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1976 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' April, 1976.

Reviżjoni tas-salarju tal-President.

2. Għandu jitħallas f'kull sena mill-1 ta' April 1976 lill-President ta' Malta, minflok is-salarju preskritt bl-artikolu 2 ta' l-Att, salarju ta' ħamest elef sitt mija u ħamsa u disgħin lira.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra.

3. Għandhom jitħallsu lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarji preskritti bl-artikolu 3 ta' l-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati kontra kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

Artikolu 3

| Kariga | Salarju fis-sena |
|---|---|
| Avukat Ġenerali ... ... ... ... ... ... | £3,763 |
| *Chairman*, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ... | £2,490 |
| *Deputy Chairman*, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ... ... ... ... ... ... ... | £1,641 |
| Membru, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ... | £1,366 |

L.N. 62 of 1976

## PRESIDENT OF MALTA AND OTHER OFFICERS (SALARIES) ACT, 1965

## (ACT NO. XII OF 1965)

### President of Malta and other Officers (Revision of Salaries) Order, 1976

IN exercise of the powers conferred by sections 2 and 3 of the President of Malta and other Officers (Salaries) Act, 1965, hereinafter referred to as "the Act", the Prime Minister has made the following order:

Citation and commencement.

1. This order may be cited as the President of Malta and other Officers (Revision of Salaries) Order, 1976, and shall be deemed to have come into force on the 1st April, 1976.

Revision of the President's salary.

2. There shall be paid in any year to the President of Malta, instead of the salary prescribed by section 2 of the Act, a salary of five thousand six hundred and ninety-five pounds.

Revision of other Officers' salaries.

3. There shall be paid to the holders of the officers specified in the first column of the Schedule hereto, instead of the salaries prescribed by section 3 of the Act, the annual salaries respectively specified opposite to each such office in the second column of that Schedule.

SCHEDULE

Article 3

| Office | Annual Salary |
|---|---|
| Attorney General ... ... ... ... ... ... | £3,763 |
| Chairman, Public Service Commission ... ... ... | £2,490 |
| Deputy Chairman, Public Service Commission ... ... | £1,641 |
| Member, Public Service Commission ... ... ... | £1,366 |

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*

Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

Prezz 8m — *Price 8m*

**A.L. 63 ta' l-1976**

## ATT TA' L-1962 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

## (ATT NRU. I TA' L-1962)

**Ordni ta' l-1976 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1976 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' April, 1976.

Reviżjoni tas-salarju tad-Direttur ta' Verifika.

**2.** Bla ħsara għall-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att, għandu jitħallas lid-Direttur ta' Verifika, minflok is-salarju preskritt f'dak is-subartikolu, is-salarju ta' tliet elef u sebgħa u sittin lira fis-sena.

**L.N. 63 of 1976**

## FINANCIAL ADMINISTRATION AND AUDIT ACT, 1962
## (ACT NO. I OF 1962)

### Director of Audit (Revision of Salary) Order, 1976

IN exercise of the powers conferred by subsection (1) of section 6 of the Financial Administration and Audit Act, 1962, hereinafter referred to as "the Act", the Prime Minister has made the following order:

Citation and commencement.

**1.** This order may be cited as the Director of Audit (Revision of Salary) Order, 1976, and shall be deemed to have come into force on the 1st April, 1976.

Revision of Director of Audit's salary.

**2.** Without prejudice to the proviso to subsection (1) of section 6 of the Act, there shall be paid to the Director of Audit, instead of the salary prescribed in that subsection, the salary of three thousand and sixty-seven pounds per annum.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 8m — *Price 8m*